MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 122/1998/1

**Saviour Meilaq**

**v.**

**Etienne Grech**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

Dan hu appell interpost mill-konvenut Etienne Grech minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza superjuri taghha fit-3 ta' Ottubru 2003.

Permezz ta' citazzjoni presentata fit-8 ta' Gunju 1998 fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) l-attur ippremetta illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awissu elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) ghal habta tal-kwarta ta' wara nofsinhar (12.15pm), huwa kien qed isuq il-vettura Citroen AX bin-numru tar-registrazzjoni ittra 0-8180; illi huwa kien hareg minn Triq Guze Ellul Mercer wara li kien accerta ruhu illi seta' jaqsam ghal hdejn is-central strip illi hemm fi Triq Dottor Anton Tabone minghajr periklu u minghajr ma jostakola t-traffiku illi kien gej fl-istess Triq Dottor Anton Tabone fid-direzzjoni minn Victoria (Ghawdex); illi meta huwa kien wasal fic-central strip, u kien qed jistenna illi l-karreggjata fid-direzzjoni lejn Victoria tkun libera sabiex ikun jista' jikser fid-direzzjoni lejn ir-Rabat, [tfacca] il-konvenut, illi kien gej isuq il-mutur tieghu Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni FAG-942 matul l-istess Triq it-Tabib Anton Tabone, lejn id-direzzjoni ta' Sannat, u dana bi speed eccessiv u esagerat, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu; kompla jghid l-attur illi per konsegwenza ta' hekk il-konvenut baqa' diehel fil-vettura tieghu illi dak il-hin kienet kompletament wieqfa tistenna; laqatha fuq in-naha ta' wara taghha u bis-sahha tad-daqqa dawwarha u gabha thares f'direzzjoni perpendikolari ghal dik illi kienet qeghda tistenna fiha; illi effettivament ghall-incident fuq imsemmi jahti unikament u esklussivament il-konvenut, minhabba sewqan eccessiv u imprudenti da parti tieghu, minhabba illi huwa naqas illi jzomm *'a proper look out'*, u minhabba illi huwa naqas li josserva r-regolamenti tat-traffiku; l-attur kompla fisser illi huwa sofra danni per konsegwenza tal-imsemmi incident konsistenti fi hsarat ingenti fil-vettura tieghu oltre telf ta' uzu tal-istess vettura li minhabba fiha kien kostrett jikri vettura ohra; premess dan kollu huwa talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex dik il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-imsemmi incident stradali;

2. Tillikwida d-danni sofferti minnu billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dawn id-danni kif likwidati .

Permezz ta' nota' ta' l-eccezzjonijietipprezentata fl-14 ta' Ottubru 1998 l-appellant ecepixxa:-

(a) Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ghall-incident mertu ta' din il-kawza kien unikament responsabbli l-attur stess.

(b) Isegwi li allura l-konvenut m'ghandux jigi kundannat ihallas id-danni sofferti mill-attur fl-incident *de quo*.

**Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti**

Permezz tas-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2003, dik l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, iddikjaratu unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku meritu tal-kawza, illikwidat id-danni minnu sofferti fis-somma ta' elf disa' mija u tmienja w sebghin u tlieta w sittin centezmu (Lm1978.63), u kkundannatu jhallas din is-somma lill-attur; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-5 ta' Settembru 1997 u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment mal-kawza, kontra l-istess konvenut; u dana wara li kkunsidrat is-segwenti:

"Illi din hija kawza fejn l-attur qed jirreklama d-danni li garrab minhabba hsarat fil-vettura tieghu per konsegwenza ta' kollizjoni li sehhet bejn il-karozza tieghu u *motor-cycle* misjuq mill-konvenut . Dan l-incident gara fi Triq it-tabib Anton Tabone (qabel Sannat Road), Victoria, Ghawdex, it-triq li mir-Rabat tiehu ghal Sannat . Din it-triq hija mifruda minn nofs b'*central strip* li hija maqtugha f'partijiet minnha sabiex tippermetti l-passagg minn naha ghall-ohra ta' vetturi li jkunu sejrin ghal jew hergin mid-diversi *junction roads* li hemm jaghtu ghal go fiha . L-incident in kwistjoni sehh fil-*junction* ta' bejn din it-triq u Triq Guze' Ellul Mercer, li qeghda fuq ix-xellug ta' min minn hemm ikun sejjer fid-direzzjoni ta' Sannat .

"Mhux kontestat illi t-triq principali hija Triq it-tabib Tabone, kif anke konfermat bi *Stop Sign* li hemm fit-tarf ta' Triq Guze' Ellul Mercer . L-incident sehh bi nhar u l-art dak il-hin kienet imxarrba, billi kienet ghadha kemm ghamlet ftit tax-xita . Il-partijiet jaqblu wkoll illi fi Triq it-tabib Tabone fuq in-naha tal-lemin ta' min ikun hiereg minn Triq Ellul Mercer, kien hemm *van* pparkjata li kienet qed tostakola l-vizwali tul dik il-parti tat-triq principali[1] u li qabel ma qasam Triq it-tabib Tabone, l-attur ippermetta karozza tghaddi quddiemu .

"Madankollu l-partijiet jaghtu verzjonijiet kontrastanti u konfliggenti dwar kif sehh l-incident . Minn naha l-wahda l-attur isostni li l-habta sehhet waqt li hu kien wieqaf f'nofs ic-*central strip* li hemm fi Triq it-Tabib Tabone faccata ta' Triq Ellul Mercer, sabiex minnha jikser ghall-lemin u jidhol fil-karreggjata tat-triq fid-direzzjoni tar-Rabat. Kien proprju f'dak il-hin li l-konvenut, li kien gej fuq il-mutur tieghu mid-direzzjoni tar-Rabat, li laqtu fil-gemb tal-lemin tal-karozza, u bl-impatt anke dawwar il-karozza biex gabha thares lejn ir-Rabat. Jinsisti wkoll illi huwa ghalkemm zamm *a proper look out,* fl-ebda mument ma ra lill-konvenut riesaq lejh sakemm intlaqghat. Ghalhekk jattribwixxi l-habta ghal sewqan traskurat u velocita' eccessiva da parti tal-konvenut .

"Min-naha l-ohra l-konvenut jinsisti li filwaqt li kien qieghed isuq il-mutur tieghu (tat-tip *easy rider* b'cilindrata kbira ta' 750 c.c.) fid-direzzjoni ta' Sannat bi *speed* moderat ta' bejn hamsa u ghoxrin u hamsa u tletin kilometri fis-siegha (25/35 k.f.s.), ra lill-attur hiereg b'mod azzardat mis-*side road* (Triq Ellul Mercer),ipprova jiskapulah, izda billi kienet ix-xita u seta' facilment jitlef il-kontroll tal-mutur, ma ghafasx il-*brake* ghal kollox, imma qaleb il-mutur ghal *engine brake*. Ghal din ir-raguni l-mutur tieghu ma setghax jieqaf istantanjament. L-attur fl-ebda mument ma nduna bih u baqa' jaqsam. Minkejja kull manuvra evaziva li saret da parti tieghu, iktar ma pprova jgenneb lejn ix-xellug iktar il-vettura ta' l-attur imblukkatlu t-triq sakemm sehh l-impatt .

[1] Ara skizz redatt mill-Pulizija u esebit bhala Dok. JC. 1 a fol. 34 tal-process .

"Il-kompitu ta' din il-Qorti f'dan l-istadju huwa ghalhekk illi tistabilixxi liema minn dawn iz-zewg verzjonijiet hija l-aktar verosimili, tenut kont tal-provi kollha prodotti fil-kors tas-smiegh tal-kawza u konsegwentement jekk kienx hemm xi nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tas-sewwieqa nvoluti jew xi hadd minnhom. Mill-okkorrenza relattiva ghal dan l-incident stradali, jirrizulta illi *a tempo vergine* l-partijiet taw lis-surgent Josephine Camilleri, li kienet qed tinvestigah, is-segwenti verzjonijiet taghhom :

"*Meta mitkellem Grech stqarr li waqt li kien qed isuq matul Triq Dr. A. Tabone fid-direzzjoni ta' Sannat, minn Triq Guze' Ellul Mercer harget vettura 0-8180 u meta ppruvajt innaqqas li speed, billi kienet ghada kif bdiet tqattar ix-xita, ma rnexxielix nevita l-karozza u bqajt diehel go fiha . Filwaqt li Mejlaq stqarr li hu kien isuq matul Triq Guze' Ellul Mercer ghal go Triq Dr. A. Tabone, meta ma ra lil hadd gej beda hiereg u hekk kif kien ser idur fid-direzzjoni tar-Rabat, mutur FAG 942 baqa' diehel go fih*." [2]

"Fid-depozizzjoni taghhom quddiem din il-Qorti, l-kontendenti regghu kkonfermaw din il-verzjoni taghhom dwar kif sehh l-incident. Xhieda okulari ma kienx hemm ghajr ghal mart l-attur, *front seat passenger* fil-karozza tieghu, li ma tantx setghet taghti nformazzjoni gdida. Fi ftit kliem il-kwistjoni li trid tiddecidi din il-Qorti tirriduci ruhha ghall-problema jekk ghandhiex temmen lill-attur li jghid li ha l-prekazjonijiet kollha qabel ghamel il-manuvra tieghu biex johrog mit-triq sekondarja ghal fuq dik principali u madankollu ma rax lill-konvenut gej fid-direzzjoni tieghu ghax gie fuqu malajr wisq kagun tal-velocita' eccessiva li kien qed isuq biha, inkella lill-konvenut li jsostni li l-attur qabad u hariglu mis-*side street* u nvadielu l-karreggjata tieghu tant li ghalxejn ipprova jevitah.

"Fix-xhieda tieghu l-attur jispjega kif, minhabba l-*van* li kien hemm ipparkjata fuq il-gemb tat-triq principali, kwazi fil-kantuniera mat-triq li kien hiereg minnha hu, htieglu johrog kemm xejn 'l barra f'din it-triq sabiex ikun jista'

---

[2] Ara kopja ta' l-okkorrenza relattiva Dok.JC.2 a fol. 38

jesplora ahjar x'traffiku kien gej mid-direzzjoni tar-Rabat. Infatti ra karozza gejja u ppermettilha tghaddi. Imbaghad beda hiereg u lahaq wasal sa fejn ic-*central strip* u rega' waqaf biex jesplora x'traffiku kien gej mid-direzzjoni ta' Sannat, qabel ma jipprocedi biex idawwar lejn ir-Rabat. Kien proprju f'dak il-mument li ntlaqghat mill-mutur tal-konvenut.

"Il-konvenut filwaqt illi jammetti illi l-attur, qabel ma hareg mis-*side street,* waqaf sabiex jippermetti l-karozza li kienet ghaddejja quddiemu tghaddi, ma qaghadx jistenna sabiex jilhaq jghaddi hu wkoll, minkejja li kien imbieghed minn din il-karozza tul ta' xi tliet karozzi ohra biss .

"Minn ezami ta' l-iskizz redatt mis-surgent Camilleri jidher illi in segwitu ghall-habta, l-karozza nstabet preciz fil-fetha tac-*centre strip* mdawra lejn ir-Rabat, bil-mutur fl-art ftit aktar 'l fuq fil-karreggjata li tiehu ghal Sannat u frak u *debris* ma' l-art x'imkien bejniethom. Meta jittiehdu l-mizurazzjonijiet[3], jirrizulta ghalhekk illi li *spot of impact* sehhet f'distanza ta' mhux aktar minn zewg (2) metri 'l boghod mis-*centre strip* f'karreggjata wiesa xi seba' metri u nofs (7 1/2m.), jekk ma jittiehidx in kunsiderazzjoni li *splay* fiz-zewg kantunieri tas-*side street.* Jidher ghalhekk illi l-attur kien lahaq qasam parti sewwa mill-karreggjata tat-triq principali qabel ma sehhet il-habta. Anzi kien proprju tassew qabad ukoll is-*centre strip* bil-parti ta' quddiem tal-karozza. Il-Highway Code jghallem illi :

"**When crossing a dual carriageway** (bhala ma ghandha fil-kaz in ezami) **treat each carriageway separately and if necessary wait at the central reservation, if any .**
**When waiting for other traffic at junctions, take up a position where your vehicle will not block other streams of traffic and, where waiting lines are provided, stop within such lines**."[4]

"Jidher illi l-attur kien qed josserva sew dawn ir-regolamenti tat-traffiku fil-manuvra tieghu biex mis-*side*

[3] Hawnhekk ghandha skala ta' 1cm = 1 m., kif jirrizulta mill-istess skizz ; ara Dok. JC. 1
[4] Rules nos. 88, 89 Malta Highway Code

*street* jaqsam id-*dual carriageway*. Dan certament ghamlu meta ippermetta l-karozza, li jaqblu z-zewg nahhat li kien hemm dak il-hin, tghaddi qabel ma ssogra jaqsam. L-unika nuqqas li jista' jigi mputat lilu, jekk jigi emmnut il-konvenut, huwa li ma halliehx jghaddi wkoll, ghalkemm kien daqshekk fil-qrib wara dik il-karozza u allura ma setghax ma jarahx ukoll .

"Imma minn dak li rrizulta mill-ezami ta' l-iskizz esebit, mqabbel mal-provi l-ohra, l-Qorti hija tal-fehma illi ma tantx tista' tkun verosimili l-verzjoni tal-konvenut. Jekk il-mutur kien tassew daqstant fil-qrib wara l-karozza l-ohra daqskemm isostni hu, zgur li l-attur ma kienx ser jilhaq kwazi jaqsam ghal kollox tant li d-daqqa hadha fuq il-parti ta' wara tal-gemb tal-lemin tal-karozza tieghu.[5] Anke jekk il-konvenut verament kien ghaddej b'velocita' ta' minn hamsa u ghoxrin sa hamsa u tletin k.f.s. kif isostni, f'distanza daqshekk qasira bejn il-karozza ta' quddiemu u l-mutur, ma kienx ser ikun hemm hin bizzejjed ghall-attur biex jilhaq jasal sa fejn attwalment sehhet il-habta .

"Lanqas jista jkun minnu illi l-konvenut genneb kemm seta' fuq ix-xellug tieghu. Kieku tassew ghamel hekk x'aktarx kien jevita l-habta ghal kollox tant kemm l-attur kien wasal sa fejn il-*crown of the road*. Lanqas huwa skuzat il-konvenut illi kien qed isuq 'l barra minhabba l-*van* li kien hemm ipparkjata fuq il-gemb tat-triq tieghu. F'dik il-wisgha kollha zgur li kien ser jibqaghlu bizejjed mnejn jghaddi kieku kien f'pozizzjoni li jikkontrolla sew il-mutur tieghu. Per konsegwenza ma jistghax jinghad illi l-attur invadielu l-karreggjata tieghu.

"Il-mod ta' kif il-karozza ta' l-attur daret qisu disghin grad sabiex giet thares lejn ir-Rabat u l-kwalita' tad-daqqa li rceviet bil-habta ma' l-mutur, tant li kellha tigi ttowjata minn fuq il-post, ma jhallu ebda dubbju illi l-impatt kien ta' certa konsistenza. Mhux daqstant kredibbli l-konvenut meta jsostni li ghalkemm kien ghaddej bil-25/35 k.f.s., htieglu jaghmel *engine brake* minflok japplika l-*brakes* fi sforz li jnaqqas mill-velocita' u madankollu rnexxielu jibqa'

---

[5] Ara survey report esebit a fol. 10

diehel go l-karozza ta’ l-attur b’dik il-qawwa kollha. Ix-xita li kienet ghadha kemm bdiet niezla f’dawk ic-cirkostanzi lanqas ma setghet ghenitu biex jikkontrolla l-mutur. Jidher ghalhekk illi l-konvenut fir-realta’ kien ferm aktar ‘l boghod mill-attur milli qed isostni meta rah l-ewwel darba u minhabba l-velocita` li kien ghaddej biha ma setghax inaqqas bizzejjed fil-hin mill-velocita` biex jevita l-habta.

“Jirrizulta per konsegwenza illi m’hemm xejn esagerat fil-kontensjoni ta’ l-attur illi assolutament ma rax lill-konvenut gej ghal fuqu. Mehud ukoll in konsiderazzjoni illi l-vizwali ta’ l-attur minn fejn l-inkrojcu taz-zewg toroq kienet pjuttost limitata, minkejja li hareg xi ftit ‘l barra fit-triq principali, u dana sew minhabba li *splay* tal-kantuniera u anke ghax kien hemm il-*van* ipparjakta fuq il-lemin tieghu, huwa wisq probabbli li ma setghax jara daqstant fil-boghod. Wara kollox kien jinkombi wkoll lill-konvenut, minkejja li kien il-*main road user* li jkun prudenti fis-sewqan tieghu anke minhabba d-diversi *slow signs* li kien hemm fit-triq appuntu minhabba s-*side streets* kollha li jinfdu ghal go din it-triq .

“Ghalhekk, minkejja dak li jsostni l-konvenut fuq skorta tal-gurisprudenza lokali in materia, li mhux necessarjament ghax sewwieq ikun qed isuq b’xi eccess ta’ velocita’, dan irid ikun bilfors il-kagun tal-kollizjoni[6], fil-kaz in ezami fejn kien f’pozizzjoni aktar vantaggjuza mill-attur li jara xi traffiku jkun hiereg mis-*side streets*, u b’obbligu impost fuqu wkoll illi jkun prudenti fis-sewqan, appuntu minhabba dawn is-*side streets* kollha jisporgu ghal fuq din it-triq principali (u mhux kontestat li kien hemm diversi *slow signs* ghal din ir-raguni), jirrizulta illi l-agir tal-konvenut kien il-kagun immedjat ta’ din il-kollizzjoni. Min-naha l-ohra ma ssib xejn x’ticcensura fis-sewqan ta’ l-attur. Ghalhekk jahti unikament il-konvenut u konsegwentement ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni kollha li garrab l-attur minhabba dan l-agir traskurat tieghu.

[6] Ara John Formosa noe. v. Joseph Zammit vol. LXXVII. iii. 122 u Anne Stanley v. A. Zahra : Vol. LXXVII. iii. 93 ccitati mill-konvenut f’ewwel - Nota ta’ l-Osservazjonjiet tieghu

“Id-danni reklamati mill-attur, kif jirrizulta mill-atti processwali, huma l-ispejjez inkorsi sabiex issewwiet il-karozza tieghu li garrbet hsarat konsiderevoli kif jirrizulta mis-*surveyor’s report*. Mill-ircevuti esebiti[7] jidher illi spejjez ta’ *spare parts* kellu : Lm850, Lm97.48 u Lm21.65 = Lm969.13. Kien hemm ukoll kont ta’ seba’ mija u hamsin lira maltija (Lm750) ghax-xoghol ta’ tiswija, *panel beating* u *spray painting*[8] u mitejn disa’ u hamsin lira maltija u hamsin centezmu (Lm259.50) ghall-kiri ta’ karozza sakemm saru t-tiswijiet mehtiega fuq il-vettura ta’ l-attur[9]. Dawn il-kontijiet ma gewx kontestati u l-Qorti lanqas ma ssib ebda raguni ghaliex m’ghandhiex taccettahom. Ghalhekk jigi illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur somma totali ta’ elf disa’ mija tmienja u sebghin lira maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm1978.63).”

**<u>L-appell</u>**

Il-konvenut fir-rikors ta’ appell tieghu ressaq erba’ (4) aggravji li, fis-sustanza, taghhom huma kollha bbazati fuq l-ilment li l-Ewwel Qorti kienet skorretta fl-evalwazzjoni tal-provi li ghamlet. L-appellant qieghed isostni li l-provi juru li l-htija ghall-incident hija ta’ l-appellat, cioe` ta’ l-attur, ghaliex kien dan li ma zammx *a proper look out* meta hareg minn wara *stop sign*. B’hekk huwa qed javvanza b’raguni ghall-habta illi l-appellat holoq stat ta’ emergenza ghalih, cioe` ghall-appellant.

**<u>Il-fatti</u>**

Mill-provi li jirrizultaw mill-process, wiehed jista’ jirrikapitola l-fatti saljenti hekk:

1. Il-kawza titratta incident tat-traffiku li sehh fit-22 ta’ Awissu 1997 ghal habta tal-12.15 p.m. fi Triq Dr. Anton Tabone, li hija triq principali.

---

[7] Ara dokti. B, C, D a fol. 7, 8, 9 u VV. 1 a fol 63
[8] Ara xhieda Victor Vella a fol. 60 - 62 u Vat receipt a fol. 11
[9] Ara Vat receipt a fol. 12 u invoice relattiva a fol. 13.

2. L-appellat Meilaq kien qieghed isuq vettura tat-tip Citroen AX numru O-8180 filwaqt li l-appellant kien qieghed isuq mutur bin-numru FAG-942.

3. L-appellat hareg minn Triq Guze Ellul Mercer, li hija triq laterali u sekondarja, u qasam lejn il-fetha li hemm fis-*central strip* fi Triq Dr. Anton Tabone u li hija faccata Triq Guze Ellul Mercer. Mill-provi rrizulta li fit-triq principali (Triq Dr. Anton Tabone) hemm *central strip* li fiha diversi fethiet. Fit-tarf ta' Triq Guze Ellul Mercer li taghti ghal fuq Triq Dr. Anton Tabone hemm *stop sign*[10]. Skond l-appellat huwa ried isuq fid-direzzjoni ta' Victoria u ghalhekk kif jizbokka mis-*central strip* jikser ghal-lemin tieghu.

4. Hemm qbil li fuq in-naha tal-lemin ta' min kien hiereg minn Triq Ellul Mercer, f'dan il-kaz l-appellat, kien hemm vettura parkeggjata. Din hija murija wkoll fl-iskizz li hejja l-ufficjal tal-pulizija li nvestigat il-kaz (WPS 160 Josephine Camilleri). Din il-vettura kienet qeghda xi ftit tostakola l-vizwali ta' min kien hiereg minn Triq Ellul Mercer. L-appellat kellu ghalhekk jixref iktar 'il barra minn fuq l-istop sign qabel ma kellu vizwali tat-traffiku gej min-naha tal-lemin tieghu. Il-vizwali kienet fit-tul u t-Triq Anton Tabone hija dritta ghal distanza mhux qasira. Jirrizulta wkoll – ara d-deposizzjoni tal-konvenut a fol. 65 tal-atti, u dik ta' l-attur in kontro-ezami a fol. 75 u 76 – immedjatament qabel ma l-attur appellat ghadda biex jibqa sejjer lejn is-*central strip* huwa ppermetta karozza, li kienet gejja mill-istess direzzjoni li minnha kien gej il-konvenut appellant, li tghaddi minn quddiemu. L-appellant jghid li hu kien distanza qasira wara din il-karozza. L-attur appellat, invece, ighid li l-mutur ma rahx: *"Ma rajtux gej ghax kieku rajtu gej kont inhallih jghaddi bhalma ghaddiet il-karozza, imbaghad kont nohrog. Pero` jien ma rajtux gej, ghax kieku rajtu gej, kont inhallih jghaddi bhall-karozza, imbaghad naqsam."* (fol. 76).

5. Dakinhar l-art kienet imxarrba ghaliex kienet ix-xita.

---

[10] Skizz a fol. 5 tal-process.

6. Il-hsara fil-vettura Citroen kienet "*fiz-zewgt bibien tan-naha tal-lemin, mudguard ta' wara u saqaf*".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

1. Il-principju generali huwa li Qorti ta' l-Appell ma tindahalx fl-esercizzju tad-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi hlief meta l-ewwel Qorti tkun ezercitat dik id-diskrezzjoni b'mod manifestament hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi.

2. Sewwieq ta' vettura ghandu invarjabbilment zewg obbligi: l-ewwel wiehed, li jzomm *a proper look out* ghall-vetturi, *pedestrians* u utenti ohra tat-triq; u l-iehor dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vettura li jkun qieghed isuq.

Huwa fatt mhux kontrovers li min ikun hiereg minn fuq *stop sign* u, aktar u aktar, ghal fuq triq principali li hu htieglu wkoll jittraversa ghandu l-obbligu magguri li qabel ma johrog <u>jesplora sewwa t-triq</u> li ried jidhol fiha u jcedi ghat-traffiku ghaddej. Fin-nuqqas, min johrog minn wara stop sign ghal go triq principali johloq emergenza lill-vetturi li jkunu ghaddejjin mit-triq principali. Il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha[11].

Daqstant iehor, pero`, min ikun ghaddej minn triq principali ma jfissirx li m'ghandux obbligu li juza d-diligenza mehtiega fis-sewqan.

Huwa maghruf ukoll li meta sewwieq, kif kien f'dan il-kaz l-appellat, ser jaqsam triq principali u jkollu l-vizwali tieghu ostakolata b'vettura li tkun parkeggjata f'dik it-triq, ghandu jezercita l-massimu ta' attenzjoni u joqghod attent meta jasal vicin inkrocju u ma jaqsamx qabel ma jkun cert li

[11] *"...l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, u ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha u ghandu l-obbligu li jimxi dead slow u sahansitra iwaqqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara"* - **Il-Pulizija v. Anthony Galea**, Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 (**Kollez. Vol. XXXVII P IV p 1137**); **Joseph Rizzo v. Paul Micallef**, Appell Civili, 6 ta' Dicembru 1974).

jista' jaghmel hekk liberament minghajr periklu ghalih jew inkella ghall-utenti l-ohra tat-toroq.

3. Principju iehor maghruf huwa li f'kawza civili, l-attur li jallega illi gralu hsara tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jaghtix prova li l-incident sehh tort tal-attur (ara per ezempju sentenza **Joseph Rausi noe et v. John Muscat,** Qorti ta l-Appell, 22 ta' Novembru, 1995). F'dan il-kaz kien l-attur appellat li kien jinkombi fuqu l-oneru tal-prova.

4. Ghall-fini biex tigi stabbilita r-responsabbilta` ghall-akkadut, ghandu jigi determinat f'liema parti ta' Triq Anton Tabone sehh l-incident tat-traffiku meritu ta' dawn il-proceduri. Il-kontendenti taw verzjonijiet kontrastanti dwar il-posizzjoni tal-vetturi fil-mument li sehhet il-habta:-

a. L-attur appellat, li kien qieghed isuq il-vettura Citroen, xehed li meta sehh l-incident il-vettura tieghu kienet diga` qeghda mas-*centre strip*: *"Kif ilhaqt ic-central strip jiena ergajt slowjajt sabiex inkun nista' naccerta ruhi mill-gdid illi ma kien gej fid-direzzjoni lejn Victoria u jiena stajt nikser fuq il-lemin tieghi minghajr perikolu"*[12]. Huwa kompla jghid li l-incident sehh meta l-vettura tieghu *"…kienet waslet mis-Central Strip 'il hemm u jiena kont bdejt indur lejn id-direzzjoni tar-Rabat,* ***<u>cjoe' kelli nofs il-karrozza sporguta fil-karreggjata li tiehu ghal Victoria u n-nofs l-iehor ghadu fil-karreggjata li taghti ghal Sannat</u>****"*[13]. Mart l-appellat tat l-istess verzjoni meta xehdet bl-affidavit, *"Meta l-karrozza kienet waslet nofsha mas-Central Strip 'il hemm u ahna konna bdejna induru lejn id-direzzjoni tar-Rabat, il-konvenut li kien qieghed isuq il-mutur tieghu habat gol-karrozza taghna u hadna fil-bieba ta' wara tan-naha ta' zewgi"*[14].

b. Il-konvenut appellant, xehed li l-appellat *"…**baqa' hiereg**, u li ghamilt jiena, il-mutur minflok*

[12] Fol. 20.
[13] Fol. 20-21 – sottolinear ta' din il-Qorti.
[14] Fol. 23.

*ghafast il-*brake*, bdejt innizzlu* engine brake*, ghaliex inkella jekk taghfas il-*brake*, zgur li ser taqa', ippruvajt niskapulah pero' ma stajtx"*[15].

Huwa risaput li f'kollizjonijiet ta' spiss il-verzjonijiet li jinghataw huma kontrastanti. Hafna drabi r-rakkont tal-fatti ta' kif isehh l-incident jew ma jirrispekjax il-verita` jew sahansitra jkun ezagerat bil-hsieb li jaghti sostenn lill-verzjoni wahda fuq l-ohra; u meta dan ikun il-kaz, l-iskizz u r-rapport li jkun ghamel l-ufficjal tal-pulizija li jkun investiga l-kaz jikkostitwixxu prova importanti. L-iskizz jaghti ideja ta' kif ikunu spiccaw il-vetturi wara l-impatt, oltre cirkostanzi ohra mportanti bhal topografija tal-lokal inkluzi t-toroq, waqt li r-rapport ikollu dikjarazzjoni li tkun saret mis-sewwieqa *a tempo vergine*.

Identifikati dawn il-principji, fuq ir-rizultanzi processwali huma rilevanti li jsiru dawn l-osservazzjonijiet:-

(**1**) Mill-iskizz li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz[16] gew indikati *"glass fragments"*. WPS 160 Josephine Camilleri xehdet li *"jiena mmarkajt fejn sibt il-fragments tal-hgieg fl-art, jigifieri…".* Wiehed jifhem li dan huwa l-i*spot of impact*. Il-bicciet tal-hgieg huma proprju vicin il-mutur. It-tieni ritratt (ezebit mill-attur stess) wara fol. 22, juri l-mutur ma' l-art f'nofs Triq Anton Tabone fil-karreggjata li tiehu lejn Sannat. Dawn ic-cirkostanzi juru li kuntrarjament ghal dak li qal l-appellat, fil-mument ta' l-impatt il-vettura Citroen qatt ma setghet kienet parti fil-karreggjata li tiehu ghal Victoria u parti fil-karreggjata li tiehu ghal Sannat[17]. Dan mhuwiex possibbli, iktar u iktar mehud in konsiderazzjoni li l-vettura misjuqa mill-appellat hija vettura zghira fid-daqs. Mir-ritratti ezebiti fil-process[18] jidher ukoll li l-ikbar hsara fil-vettura Citroen kienet fil-bieba ta' wara. Wiehed jifhem li l-incident sehh meta l-vettura Citroen kienet ghadha qeghda taqsam Triq Anton Tabone minn fejn kien ghaddej l-appellant fid-direzzjoni ta' Sannat. Dan is-sewqan ta' l-appellat ta lok ghall-

[15] Fol. 65 – emfasi ta' din il-Qorti.
[16] Fol. 5, b'kopja ohra a fol. 34.
[17] L-appellat rega' kkonferma dan il-fatt in kontro-ezami, fol. 51.
[18] Dawn jinsabu bejn fol. 22 u 23.

emergenza subitaneja ghal min, bhal appellant, kien ghaddej minn Triq Anton Tabone. Kuntrarjament ghal dak li qalet l-ewwel Qorti, jidher li kien l-appellat li naqas milli jara dak li kien *in plain view* u invada l-karreggjata ta' l-appellant. Huwa ra biss il-vettura (karozza) l-ohra li kienet gejja mil-lemin tieghu u li huwa halla tghaddi minn quddiemu qabel ma baqa' sejjer lejn is-*central strip* minghajr ma ta kaz dak li kien gej wara dik il-vettura, cioe` l-mutur misjuq mill-appellant. Huwa veru li mutur (u bhalu wkoll rota ossia *bicycle*), billi hu relattivament zghir, jista' ma jattirax l-attenzjoni daqs karozza; izda huwa proprju ghalhekk li sewwieq prudenti, kull meta jigi biex jaghmel kwalsiasi manuvra li tista' minimament tkun ta' ostakolu ghal utenti ohra tat-triq, ghandu dejjem joqghod attent – aktar attent – jekk ikunx gej ukoll xi mutur. Kif kien jinghad f'filmat qasir ta' informazzjoni ghas-sewwieqa li kien jintwera snin ilu fuq stazzjoni tat-televizjoni barrani: *Think once, think twice, think bike.*

(**2**) Fl-okkorrenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija li nvestigat il-kaz jinghad li l-appellat iddikjara li *"hu kien isuq matul Triq Guze Ellul Mercer ghal go Triq Dr. A. Tabone, meta ma ra lil hadd gej beda hiereg u hekk kif kien ser idur fid-direzzjoni ghar-Rabat, mutur FAG 942 baqgha diehel go fih"*[19]. Ir-ritratti ezibiti mill-attur juru li hu kellu vizwali fit-tul, anke jekk kien hemm vettura parkeggjata fuq il-lemin tieghu. Mehud in konsiderazzjoni dak li nghad iktar 'il fuq, jekk kif ighid l-appellat, verament hares fuq il-lemin tieghu, jidher li ma harisx sew jew kien aljenat jew baqa' hiereg u ma waqaf xejn. Il-fatt li l-incident gara fejn indikat juri anzi illi mhux tassew li f'dak il-mument il-karreggjata kienet hielsa minn traffiku gej mid-direzzjoni mil-lemin ta' l-appellat. L-ewwel Qorti stess tidher li accettat li l-incident sehh fuq in-naha tat-triq minn fejn kien ghaddej l-appellant meta qalet:- *"meta jittiehdu l-mizurazzjonijiet, jirrizulta ghalhekk illi li spot of impact sehhet f'distanza ta' mhux iktar minn zewg (2) metri 'l boghod mis-centre strip……"*. Hawnhekk ukoll ghandna konferma li anke ghall-ewwel Qorti, fil-hin ta' l-incident il-posizzjoni tal-vettura ta' l-appellat ma kenitx fejn qal hu.  Cirkostanza li turi li meta

[19] Fol. 38.

gara l-incident l-appellat kien ghadu qieghed jaqsam it-triq principali. Id-distanza minn fejn l-appellat ighid li waqaf biex ikollu vizwali ahjar minhabba li kien hemm vettura parkeggjata sa fejn sehh l-incident hija wahda minima li vettura taqsamha f’tebqa t’ghajn. Ma jregix, ghalhekk, l-argument li ghamlet l-ewwel Qorti li *“jidher ghalhekk illi l-attur kien lahaq qasam parti sewwa mill-karreggjata tat-triq principali qabel ma sehhet il-habta”*. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk kien lehaq qasam parti sewwa mill-karreggjata, xorta jibqa’ l-fatt li l-vettura Citroen holqot ostakolu ghall-appellant li kien ghaddej mit-triq principali. Iddur fejn iddur u thares kif thares lejn il-provi, jidher li kien l-appellat li naqas milli jzomm dak il-*proper lookout* li kien mehtieg li jzomm meta ghazel li jidhol fi triq principali.

(**3**) L-appellat isostni li l-appellant ghandu responsabbilta` in kwantu kien qieghed isuq b’velocita` eccessiva. Kif rajna, fejn sewwieq jikkaguna danni minhabba emergenza subitaneja ta’ karrozza ohra li harget minn triq laterali ghal triq principali u holqot sitwazzjoni ta’ periklu, dak is-sewwieq m’huwiex b’daqshekk mehlus minn kull responsabbilta` ghad-danni jekk huwa kien qieghed isuq b’velocita` mhux moderata u minhabba f’hekk ma setax jevita l-incident. F’dawk ic-cirkostanzi jkun hati ta’ negligenza u htija kontributorja. Issa, anke f’dan ir-rigward il-kontendenti taw verzjonijiet kontrastanti ghal xulxin. Jibqa’ l-fatt, pero`, li sinjali ta’ *brakes* jew ta’ *skid* ma kienx hemm. Il-hsara li kellha l-vettura tal-attur appellat hija kompatibbli ma habta ma’ mutur tat-tip li kien qed isuq l-appellant, ma hix neccessarjament indikattiva ta’ xi velocita` kontra l-ligi jew altrimenti skonsiljata ghal-lokalita` u ghall-kundizzjonijiet ambjentali tal-mument.

Tenut kont ta’ dan kollu, din il-Qorti hi tal-fehma li l-appell tal-konvenut ghandu jigi akkolt.

**Decide**

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell billi, filwaqt li thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tirrespingi t-talbiet attrici. L-ispejjez kemm ta’ l-

ewwel kif ukoll ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati kollha mill-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------